**30 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Nobbli Barunissa Filomena Maria sive Phyllis De Piro D'Amico Inguanez.

*versus*

Lewis Camilleri et.

**Dota — Bejgħ jew Konċessjoni Enfitewtika ta' Fond Dotali — Awtorizzazzjoni tal-Qorti — Nullità — Azzjoni Dotali — Art. 1313, 1327 u 1331 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Kuntratt li bih jiġi mibjugħ jew mogħti b'ċens, u hekk aljenat, fond dotali, huwa annullabbli jekk ikun sar mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, avvolja l-aljenazzjoni tkun saret mill-mara u mir-raġel flimkien.*

*Għall-kostituzzjoni tad-dota ma jidhírx illi l-liġi teżiġi xi forma ta' kliem sagramentali; biżżejjed jirriżulta mill-kontest tal-kuntratt nuzjali u mill-intenzjoni tal-partijiet li l-fond ikun qiegħed jiġi apportat mill-mara lir-raġel b'titolu ta' dota.*

*Iżda l-azzjoni għall-impunjazzjoni tal-kuntratt tal-aljenazzjoni minħabba nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti bħala li hija azzjoni dotali, tista' tiġi, fil-kors taż-żwieġ, eżerċitata mir-raġel biss; il-mara tista' teżerċitaha wara x-xoljiment taż-żwieġ, jew jekk ikun hemm separazzjoni tal-beni. In kwantu eżerċitata mill-mara fil-kors taż-żwieġ, dik l-azzjoni hija irrita.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa; premess li b'kuntratt għand in-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona tat-2 ta' Ġunju 1959 (dok. A) l-attriċi kkonċediet b'titolu ta' enfitewsi tempo-

ranea lill-konvenut Lewis Camilleri l-fond f'tas-Sliema, Tower Road numru 225A., li jikkomprendi li-store numru 74, recte 75, Dingli Street, Sliema, suġġett għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £1.15.4, mill-bqija liberu u frank, u dan għaż-żmien ta' ħamsin sena li jibdew jgħaddu mid-data tal-att u versu ċ-ċens ta' £250 fis-sena, li jitħallsu kull sitt xhur bil-quddiem, u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra ndikati fl-istess kuntratt; u premess li l-konvenut Joseph Felice, biċ-ċedola tal-20 ta' Lulju 1959 (dok. B), eżerċita d-dritt ta' preferenza, u okkorrendo d-dritt ta' retratt, bħala padrun dirett tal-fondi fuq imsemmija, iżda sal-lum għadha ma saretx ir-rivendizzjoni, minħabba l-kontestazzjoni li tifforma oġġett ta' kawża pendenti quddiem din il-Qorti; u premess li, skond kuntratt għand in-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon tal-24 ta' Settembru 1938 (dok. C), il-fondi fuq riferiti kienu ġew apportati b'dota mill-attriċi; u premess li t-trasferiment fuq riferit ġie mill-attriċi nullament effettwat lill-konvenut Camilleri, għaliex ma sarx bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti; talbu li, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-imsemmija konċessjoni enfitewtika hija nulla, tiġi rexissa minn din il-Qorti l-istess konċessjoni enfitewtika għar-raġunijiet fuq imsemmija; u konsegwentement ikun dikjarat bla ebda effett id-dritt tal-preferenza jew tal-irkupru eżerċitat mill-konvenut Feliċe; u l-konvenuti, jew min minnhom, ikunu kundannati jirrilaxxjaw u jirretroċedu lill-atturi l-fondi fuq riferiti fiż-żmien li jiġi stabbilit minn dik il-Qorti; liema retroċessjoni ssir, okkorrendo, permezz ta' nutar li jiġi għal dan il-fini nominat minn dik il-Qorti biex jippublika l-att relattiv. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Marzu 1960;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Novembru 1960, li biha laqgħet it-talba tal-atturi, billi rexxindiet u ddikjarat nulla l-konċessjoni enfitewtika ndikata fiċ-ċitazzjoni, u bla ebda effett id-dritt ta' preferenza jew ta' rkupru eżerċitat mill-konvenut Felice, u kkundannat lill-istess konvenut Camilleri illi jirrilaxxja u jirretroċedi lill-atturi, fi żmien xahar mil-lum, il-fondi fuq riferiti, u lill-konvenut Felice li jintervjeni fl-att relattiv għall-finijiet kollha tal-imsemmija retroċessjoni; u nnominat lin-Nutar Vincenzo

Maria Pellegrini biex jippublika l-att opportun fit-13 ta' Diċembru 1960, fit-3.30 p.m., f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati. L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa. Wara li kkunsidrat;

Jirriżulta mid-dokument "A" illi l-attriċi, bil-kunsens, intervent u assistenza tal-attur, żewġha, ikkonċediet lill-konvenut Lewis Camilleri, b'kuntratt tat-2 ta' Ġunju 1959 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona, b'titolu ta' enfitewsi għal ħamsin sena mid-data tal-att, versu ċens ta' £250 u bil-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess att, il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, li jikkomprendi li-store ukoll hemm indikat;

B'ċedola tal-20 ta' Lulju 1959 il-konvenut Joseph Felice eżerċita d-dritt ta' rkupru fuq l-imsemmija konċessjoni; iżda, minħabba f'kontestazzjoni li tifforma oġġett ta' kawża pendenti, fejn l-atturi mhumiex parti, ir-rivendizzjoni għadha ma saretx;

L-atturi qegħdin jitolbu r-rexissjoni tal-imsemmija konċessjoni enfitewtika fuq il-motiv illi dik il-konċessjoni ma setgħetx tingħata, peress illi l-fondi konċessi kienu ġew apportati b'dota mill-attriċi, u ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti għall-istess konċessjoni;

B'sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi eżibew il-kuntratt magħmul bejniethom fl-24 ta' Settembru 1938 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon (dok. C), biex juru li l-fondi in kwistjoni huma dotali. L-oppożizzjoni prinċipali tal-konvenut Felice għat-talba tal-atturi hija li mill-imsemmi kuntratt ma jirriżultax il-vinkolu dotali tal-istabili msemmija;

Ingħad f'dan il-kuntratt illi "whereas the said Baroncino De Piro and Phyllis Cassar Torreggiani are on the point of celebrating their marriage according to Canon Law, by virtue of this instrument they enter into this marriage settlement; the said Phyllis Cassar Torreggiani declares to possess by title of dowry the following immovables"; fosthom dak in kwistjoni f'dil-kawża;

Ingħad ukoll illi:— "It is declared and agreed, for all intents and purposes of law, that the said property was transferred and assigned by title of dowry to the said Phyllis Cassar Torreggiani by her father Antonio in view of her forthcoming marriage, by virtue of an instrument ...... on the first July of this year 1938...... The said Baroncino De Piro declares to be fully satisfied of the above dowry, accepts same, and declares to have received it as above constituted to his entire satisfaction";

Dan l-att ġie nsinwat fir-Reġistru Publiku bħala att kostituttiv ta' dota komprendenti l-istabili ndikati fl-istess att (dokument fol. 21 u 25);

Jidher mill-premess illi l-istabili in kwistjoni ġew filfatt kostitwiti f'dota bl-att riferit, kif ma jistgħax ikun xort'oħra bid-dikjarazzjoni li hemm fl-istess att, magħmula mill-attur. "The said Baroncino De Piro declares to be fully satisfied of the above dowry, accepts same, and declares to have received it as above to his entire satisfaction"; u dan wara li l-partijiet — l-atturi f'din il-kawża — kienu ppremettew illi permezz tal-istess kuntratt huma kienu qegħdin jagħmlu "marriage settlement";

Mhux kontestat illi għall-imsemmija konċessjoni enfitewtika ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, kif kien meħtieġ skond l-art. 1312 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, it-trasferiment riferit ġie nullament effettwat mill-attriċi, u konsegwentement huwa bla ebda effett l-irkupru magħmul mill-konvenut Felice biċ-ċedola fuq imsemmija;

Fuq l-ispejjeż tal-kawża għandu jingħad illi......;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn waħħlet l-ispejjeż mingħajr taxxa; liema spejjeż għandhom jiġu mwaħħla fl-interezza tagħhom lill-konvenuti jew min minnhom; u tiġi konfermata in kwantu laqgħet it-talbiet tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-istess konvenut Felice, li biha appella mill-istess sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi jiġu miċħudin it-talbiet tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Camilleri, u l-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza appellata tiġi konfermata fil-meritu u in kwantu akkollat l-ispejjeż proprji lill-kontendenti l-oħra, u tiġi revokata in kwantu akkollat l-ispejjeż tiegħu lilu, billi jiġi deċiż li hu ma għandu jħallas ebda parti mill-ispejjeż tal-ewwel istanza, u dawn jiġu akkollati lill-kontendenti l-oħra jew min minnhom; bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza kontra l-appellati jew minn minnhom;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut Felice li biha ssolleva l-eċċezzjoni li l-liġi tagħti biss lir-raġel, matul iż-żwieġ, li jista' jġib il-quddiem il-kawża preżenti (art. 1331 Kod. Ċiv.), u l-mara tista' biss tagħmel din il-kawża wara li jkun xjolt iż-żwieġ jew ikun hemm is-separazzjoni tal-beni (art. 1327(1) Kod. Ċiv.). Għalhekk, bla preġudizzju tal-argumenti fil-meritu, eċċepixxa li l-kawża hija irrita in kwantu magħmula mill-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Huwa spedjenti li jiġi trattat l-ewwel l-appell magħmul mill-konvenut Felice, li jirrigwarda anki l-meritu tal-kawża. Iż-żewġ appelli l-oħra, ċjoè dak tal-atturi u dak tal-konvenut Camilleri, huma biss dwar l-ispejjeż kif regolati mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Dwar il-meritu, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta fis-sentenza appellata, fis-sens illi l-fondi in kwist-

joni għandhom jitqiesu li huma dotali. Għall-kostituzzjoni tad-dota ma jidherx illi l-liġi teżiġi xi forma ta' kliem sagramentali. Dawk il-fondi, flimkien ma' beni oħra, ġew mogħtija lill-attriċi minn missierha bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Frendo Randon tal-ewwel ta' Lulju 1938, bil-patt li għandhom jitqiesu dotali. Jingħad f'dak il-kuntratt:— "It is stipulated that the immovable property and moneys hereby transferred by Antonio Cassar Torreggiani in favour of his daughter Phyllis are to be considered as dotal, and not otherwise". Ċertament, dan biss ma kkostitwiex dawk il-beni bħala dotali, għaliex b'dak l-att ma sarx ebda għoti jew assenjazzjoni lir-raġel. Iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-attur kien għad irid isir;

Iżda bil-kuntratt taż-żwieġ fl-atti tal-istess Nutar tal-24 ta' Settembru 1938 l-attriċi ddikjarat li tippossjedi dawk l-istess beni "b'titolu ta' dota". Għalkemm din kienet ċertament lokuzzjoni improprija, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju dwar l-intenzjoni tal-attriċi meta għamlet dik id-dikjarazzjoni, ċjoè illi hi riedet, b'eżekuzzjoni tal-patt li kien għamilha missierha meta ddonalha dawk il-beni kif intqal fuq, tikkostitwixxi l-istess beni bħala dotali. Hija ntendiet, għalkemm in-nutar ma esprimiex dan bi kliem aktar eżatt, "iġġib" dawk il-beni bħala d-dota tagħha. U li hi riedet dan, riedet ċjoè li tagħtihom lir-raġel bħala dik id-dota, u li r-raġel stess mill-parti tiegħu kellu l-istess intendiment, jidher aktar ċar mid-dikjarazzjoni li hu għamel fl-istess kuntratt, meta ddikjara "to be fully satisfied of the above dowry, accepts the same, and declares to have received it as above constituted to his entire satisfaction";

Ġa ladarba l-fondi in kwistjoni kienu dotali u ma kienx hemm għall-aljenazzjoni tagħhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa, dik l-aljenazzjoni setgħet tiġi mpunjata; u l-appell tal-konvenut Felice fil-meritu ma jistgħax jiġi milqugħ; salv dak li sejjer jingħad;

Iżda — u dan jirrifletti fuq l-ispejjeż — il-konvenut Felice f'din l-istanza eċċepixxa illi l-impunjazzjoni setgħet issir biss mill-attur, u l-kawża in kwantu saret mill-attriċi hi irrita;

Il-kwistjoni hi regolata mill-art. 1327 u 1331 tal-Kodiċi Ċivili. Skond l-ewwel wieħed, il-mara tista' titlob ir-rexissjoni tat-trasferiment ta' immobili dotali magħmul mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti "wara s-separazzjoni tal-beni jew ix-xoljiment taż-żwieġ". Bl-artikolu l-ieħor, matul iż-żwieġ, u qabel ma jkun hemm ebda separazzjoni tal-beni, ir-raġel ukoll jista' jitlob ir-rexissjoni. Dawn l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili, għal dak li hu rilevanti, huma sostanzjalment bħal l-art. 1560 tal-Kodiċi Franċiż antik. B'komment ta' dan l-artikolu l-Marcadè jgħid:— "L'azione (ta' annullament), che deve sempre intentarsi per parte della moglie, non lo sarà sempre da lei. Fino a che non vi ha scioglimento del matrimonio, nè separazione di beni, il solo marito può agire qual "procurator" della moglie; questa non lo potrebbe nemmeno autorizzata dal marito...... Essendo tutte le azioni dotali della moglie affidate al marito, ei solo può agire contro i detentori dei beni dotali (art. 1549 (1362) simili għall-art. 1303 tal-Kodiċi Taljan). Quando vi ha scioglimento di matrimonio o separazione di beni, allora agirà la moglie, come si scorge ben dai due paragrafi del nostro articolo, non che dall'art. 1549 (1362) Cod. Napoleone Vol. III, P. II, art. 1560 (1373), §II, p. 64);

L-istess ħaġa jgħid il-Laurent:— "L'articolo 1560 dice che la moglie può far revocare l'alienazione dopo lo scioglimento del matrimonio e che può agire dopo la separazione dei beni. Ne segue che la moglie non può agire per la durata del regime; è una conseguenza del principio stabilito dall'articolo 1549, ai cui termini il solo marito ha il diritto di esercitare le azioni dotali della moglie". Aktar il-quddiem ikompli jgħid:— "Se l'alienazione è stata consentita dalla moglie, questa non può agire in nullità finchè dura il regime; l'esercizio delle sue azioni appartiene al marito; è dunque lui che avrà il diritto di agire come amministratore legale, ossia come mandatario della moglie; vale a dire che il marito eserciterà l'azione in nullità che appartiene alla moglie in virtù dell'articolo 1304 (Principi Vol. XXIII, ediz. 1885, §§ 505, 507);

L-istess opinjoni hi espressa minn Zachariae:— "La moglie non può agire prima dello scioglimento del matrimonio o della separazione dei beni, anche quando agisse

con l'autorizzazione del marito; finchè perdura il matrimonio, e prima di ogni separazione, al solo marito compete lo sperimento delle azioni dotali" (Corso di Dir. Franc. Vol. IV, § 670 n. 15);

Minn dan jidher illi d-dritt tal-azzjoni fil-każ preżenti kien imiss lir-raġel, ċjoè lill-attur, u ma kienx imiss lill-attriċi. Ma jidherx validu l-argument tal-atturi illi, peress li si tratta ta' rexissjoni ta' kuntratt li fih l-attriċi kienet parti, allura bil-fors hi ke'lha tkun parti fil-kawża. "Din" ir-rexissjoni partikulari hi governata b'dispożizzjonijiet speċjali, u l-azzjoni matul iż-żwieġ tmiss lir-raġel, anki meta — kif tgħid espressament il-liġi — l-aljenazzjoni tkun saret mill-mara jew mit-tnejn flimkien (art. 1331);

Ikkunsidrat;

L-appelli kollha in kwantu jirrigwardaw l-ispejjeż, jistgħu jiġu trattati f'daqqa, billi jiġu però diskussi waħda waħda d-diversi kwistjonijiet sollevati "hinc inde";

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi dwar id-diversi appelli kif sejjer jingħad; ċjoè billi:—

1. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellant Felice kontenuta fin-nota tiegħu fol. 65, fis-sens li tiddikjara illi l-azzjoni in kwantu esperita mill-attriċi hi irrita; u kwindi tilqa l-appell tiegħu u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet it-talbiet proposti mill-attriċi, u minflok tiċħad dawk it-talbiet; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi; u tiċħad l-appell tal-istess konvenut fil-bqija, u għal dan tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell kontra tiegħu;

2. Tilqa' l-appell tal-konvenut Camilleri, u tordna li l-ispejjeż tal-prima istanza fil-konfront tiegħu jitħallsu mill-atturi; u f'dan is-sens tirriforma dik is-sentenza rigward il-kap tal-ispejjeż; l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu wkoll mill-atturi;

3. Tiċħad l-appell tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

4. Tordna li l-kuntratt jiġi publikat nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju 1961, fl-10 a.m., bil-modalitajiet ordnati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.